# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Magistrat

## Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)

## Rikors Nru.: 58/2017 CSH

## Mac Med Limited (C37377)

## Vs

## Hussein Lukman (I.D. 140099M)

## Illum 8 ta' Gunju 2017

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat mis-socjeta' Mac Med Limited fit-2 ta' Marzu, 2017 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' sebat elef mija u hdax-il Ewro u disgha u tmenin centezmu (€7111.89) rapprezentanti bejgh ta' prodotti hekk kif jirrizulta mill-istatement hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A' liema bejgh sar fuq ordni tieghu stess u li gew debitament konsenjat lilu;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, inkluz dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 1789/2016 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' meta dan l-ammont kien dovut sal-hlas effettiv.

Rat illi l-intimat kien debitament notifikat skond riferta posittiva tal-purtier Godfrey Burrows datata 19 ta' April 2017 a fol. 13 *tergo* tal-process.

Illi fis-seduta tat-31 ta Mejju 2017 is- socjeta' rikorrenti pprezentat Kapitolu fil-konfront tal-konvenut.

Rat illi fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2017 l-intimat gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba rikorrenti u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' rikorrenti jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tas-socjeta' rikorrenti tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba rikorrenti u tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta' rikorrenti l-ammont ta' sebat elef, mija u hdax-il Ewro u disgha u tmenin centezmu (€7111.89).**

**Bl-ispejjez kontra l-intimat, inkluz dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 1789/2016 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' meta dan l-ammont kien dovut sal-hlas effettiv.**

**Dott. C. Scerri Herrera LL.D.**

**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**

**Deputat Registratur.**

*Illum 8 ta' Gunju, 2017.*

*Magistrat Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D.*